MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 295/2006

**Galea Insurance Brokers Ltd C12858**

**Vs**

**Carmela Muscat ID : 124644(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' April 2006 fejn gie premess illi l-konvenuta Carmela Muscat, ezercitanti fin-negozju bl-isem MacCar Hire, hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm1325.70 (elf tlett mija hamsa u ghoxrin lira u sebghin centezmi) rapprezentanti hlas ta' poloz ta' assikurazzjoni ta' vetturi li l-konvenuta ordnat u giet provvduta minghand is-socjeta` attrici.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tal-5 ta' Gunju, 2006 fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz odjern mis-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi

mill-ammont mitlub, il-konvenuta tivvanta ammont ta' krediti fil-konfront tas-socjeta` attrici, u dana skond kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed taghmel talba semplici ghall-hlas tas-somma ndikata fl-Avviz, prezz ta' poloz ta' assikurazzjoni.

In sostenn ta' dan xehdet ghal aktar minn darba Rosanne Galea (9.11.06) li spjegat illi s-socjeta` attrici hija broker u illi l-ammont mitlub huwa prezz ta' poloz ta' assikurazzjoni ghall-vetturi ta' l-intimata ghas-snin 2003/2004.

Esebit ukoll dokumentazzjoni in sostenn tat-talbiet attrici.

Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2007 regghet xehdet l-istess Rosanne Galea li spjegat anke b'dokumentazzjoni illi s-socjeta` attrici ma kelliex pendenzi mal-Middle Sea relattivi ghall-assikurazzjonijiet mahruga fuq Carmela Muscat peress illi gew mhallsa kollha.

Ra hawnhekk it-Tribunal jikkonsidra t-talba attrici ppruvata.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi l-konvenuta min-naha taghha eccipiet illi hemm xi krediti favur taghha illi jridu jinqatghu mill-kont reklamat. Aldo Muscat xehed (21.03.07) in sostenn ta' dan u spjega illi meta ma jkunx stagun turistiku – huwa (li jopera l-garage tal-kiri tal-vetturi) jissospendi l-licenzja tal-vettura u konsegwentement anke l-polza. Jghid illi jitlob rifuzjoni tal-hlas tal-polza ghall-perijodu relattiv ta' sospenzjoni. Filwaqt illi esebixxa Dok AM1 n sostenn tal-kalkoli tieghu

jghid illi l-ammont dovut mill-konvenuta huwa biss ta' hames mija u erba` u erbghin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm544.19). Jghid ulterjorment illi dwar dan l-ammont kien hemm qbil mas-socjeta` attrici.

John Zammit, prodott mill-konvenuta xehed dwar Dok AM1 u jghid illi hadem kollox "*skond kif tinfurmani l-konvenuta*."

Vittorio Laferla xehed in rapprezentanza tal-Middle Sea Insurance plc u spjega illi minhabba l-*commission* imhallsa lil Galea Insurance Brokers Ltd, ir-refund fuq kancellament ta' polza jkun ivarja.

Illi mill-provi prodotti jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici huwa dak ta' elf hames mija tmienja u disghin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1598.93). Dan jigi kkonfermat kemm minn Rosanne Galea, prodotta mis-socjeta` attrici (21.02.2007) kif ukoll minn Aldo Muscat (21.03.2007) u John Zammit (27.11.2007) prodotti mill-konvenuta.

Illi hawnhekk issir referenza ghat-talba fl-Avviz tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf tliet mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1325.70), illi ma jirrispekkjax ix-xhieda ta' Rosanne Galea su-riferita. Lanqas id-dokumentazzjoni pprezentat mill-istess Rosanne Galea waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2006 ma tirrispekkja t-talba, stante illi fl-ewwel lok l-ammont ta' elf tliet mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1325.70) bl-ebda mod ma jirrizulta mill-istess dokumentazzjoni, u lanqas ma gie spjegat mill-istess xhud, u fit-tieni lok l-istess dokumentazzjoni tinkludi wkoll ammonti dovuti ghas-sena 2005, meta x-xhud Rosanne Galea stess fix-xhieda taghha tad-9 ta' Novembru 2006 tghid: "…is-somma mitluba fl-avviz tirrapprezenta hlasijiet dovuti mill-konvenuta ghas-sena 2003/2004."

Illi s-socjeta` attrici fl-ebda moment ma pprezentat rendikont car u specifiku ta' kif waslet ghas-somma

mitluba fl-Avviz u allura jirrizulta illi s-somma ta' elf tliet mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1325.70) reklamata mis-socjeta` attrici ma gietx sodisfacentement ippruvata.

Illi jidher ukoll illi hemm qbil dwar il-fatt illi l-konvenuta ghandha tiehu xi rifuzjonijiet ghall-hlas ta' poloz illi gew sospizi ghall-perijodu in kwistjoni. Jidher ukoll illi dawn ir-rifuzjonijiet thallsu kollha mis-socjeta` Middlesea Insurance lis-socjeta` attrici, izda jidher li din sal-gurnata tal-lum ghadha ma ghaddiet ebda rifuzjoni lill-konvenuta.

Illi jidher pero` illi ma hemmx qbil dwar l-ammont li ghandu jigi rifuz lill-konvenuta stante illi skond is-socjeta` attrici dan jammonta ghal elf u wiehed u erbghin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1041.74) (Dok RG1), mentri skond il-konvenuta dan jammonta ghal elf u erbgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1054.74) (Dok AM1).

Illi l-ammont ta' Lm1054.74 jikkombacja ma' l-ammont komplessiv ta' refund invoices li gew pprezentati minn Vittorio Laferla (6.03.2008), rapprezentant tal-Middlesea Insurance, u ghalhekk jidher illi l-ammont ta' elf u erbgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1054.74) rapprezentanti refunds illi ghandha tiehu l-konvenuta minghand is-socjeta` attrici gie ppruvat.

Illi jidher ghalhekk illi l-kalkolu maghmul mill-accountant tal-konvenuta, John Zammit, riprodott f'Dok AM1 huwa korrett, b'dan illi l-ammont dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici huwa ta' elf hames mija tmienja u disghin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1598.93), li minnu ghandu jitnaqqas l-ammont ta' elf u erbgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1054.74) rapprezentanti refunds dovuti lill-konvenuta mis-socjeta` attrici, b'dan illi l-ammont finali dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici huwa ta' hames mija u erbgha u erbghin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm544.19).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, dan it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi l-kawza billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u b'hekk jilqa` parzjalment it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf mitejn u sebgha u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€1267.62) ekwivalenti ghal hames mija u erbgha u erbghin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm544.19).

Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes ghandhom jinqassmu in kwantu ghal 2/3 fuq is-socjeta` attrici u 1/3 fuq il-konvenuta u l-imghax ghandu jibda jiddekkorri fuq is-somma hawn fuq likwidata mill-llum fin-nuqqas ta' talba ghall-imghax fl-Avviz promotur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------